Vol 30
Nru 163
Jannar - Marzu 2009

L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat ta' l-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju ta'
l-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM
P. Ġwann Azzopardi OFM

ABBONAMENT:
€ 7 fis-sena
€12 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat ta'
l-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031

STAMPAT:
Best Print Co. Ltd.

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat ta' l-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2009

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Werrej

5



17



25

32

5 Pawlu ta' Tarsu (4)

17 Ir-Rewwixta kontra l-Franġiskani

25 Il-Misteru ta' Kristu

32 Il-Presenza ta' Alla fl-AT

37 Il-Qawmien ta' Ġesù f'S. Pawl

42 Il-Konverżjoni ta' S. Pawl - Mdina

46 Il-Misterju tat-Trinita (2)

37

Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm

MIN HU R-REBBIEĦ FIL-GWERRA?

Meta nħarsu lejn l-immaġni fuq it-televixin u naraw il-qerda li seħħet f'Gaza f'dawn l-aħħar ġimgħat, kif ukoll id-danni limitati imma wkoll perikolużi li ġarrbu l-Israeljani li d-djar tagħhom ġew milqutin mill-missili li ġew sparati minn Gaza, wieħed jistaqsi: min se jkun ir-rebbieħ jew it-tellief ta' dan il-konflitt?

Meta Israel kien okkupa x-Xatt tal-Punent, l-Istrixxa ta' Gaza, l-Għoljiet tal-Golan u s-Sinaj, fil-Gwerra ta' l-1967, kien ċar li Israel kellu qawwa militari superjuri għal dik ta' 5 pajjiżi Għarab li attakkawh kollha flimkien. Imma dawn kienu żminijiet oħrajn. Minn dak iż-żmien Israel telaq xi wħud minn dawn l-artijiet okkupati, ħalla s-Sinaj, il-Libanu tan-nofsinhar, l-Istrixxa ta' Gaza, u ta l-awtonomija lil Gaza u lill-bliet tax-Xatt tal-Punent, Jenin, Nablus, Tulkarem, Qalqilya, Ramallah, Betleħem, Ġeriko u Ħebron. Imma dan kollu wassal biss biex tkabbar is-sens ta' mibegħda u vjolenza bejn Israel u l-Palestinjani, li qed igawdu awtonomija ta' ċittadini magħluqin minn ħajt ta' sigurtà li jdawwarhom dawramejt u jagħlaqhom f'ħabs kbir bis-sema miftuħ fuqu. Mill-banda l-oħra l-elementi estremisti kibru wkoll f'Israel, li fih elementi li jridu jaħkmu bil-forza l-pajjiż kollu u joħonqu lill-Palestinjani, u li huma ffrustrati mill-attakki li kontinwament jiġu fuq bliet viċin il-fruntiera mal-Libanu u ma' Gaza.

Ħaġa waħda hi ċara. Li kiber il-fundamentaliżmu, l-integraliżmu, il-fanatiżmu, fuq iż-żewġ naħat. U llum Israel

...editorjal

Min hu r-rebbieħ fil-gwerra?

u l-Palestina jkollhom jammettu li f'din il-gwerra ma hemm l-ebda rebbieħ imma hemm biss tellief. Hemm il-Palestinjani telliefa li, ħtija ta' l-użu ta' armi u terroriżmu, flok ta' mezzi ta' diplomazija, wasslu lill-mijiet ta' ċittadini innoċenti li jsofru vjolenza li Israel jgħid li indirizzaha biss fuq il-militari u t-terroristi. Hemm l-Israeljani li, għalkemm laħqu 7 miljuni u bnew pajjiż fuq stil oċċidentali b'ingranaġġ demokratiku u ċivili, ma jistgħux igawdu l-paċi f'din l-art li tant batew biex jerġgħu jidħlu fiha. U forsi hemm għalihom il-periklu li din il-paċi ma jarawha qatt isseħħ.

Għaliex dan kollu? Għax tonqos ir-rieda tajba li sseħħ il-paċi, min-naħat kollha. U mill-komunità internazzjonali li donnha spettatur passiv li mhu kapaċi jwettaq xejn ħlief isiefer biċ-ċfuf u l-ġlekkijiet biex jagħmel trattattivi diplomatiċi ta' paċi li ma jfissru xejn. Jiena nistaqsi dejjem: hu veru li dawn il-popli jridu l-paċi? Personalment għandi dubji kbar. Ma narax sinjali pożittivi li din il-paċi fil-fatt iriduha. Quddiem dan kollu nħoss qalbi tingħafas għal dawk kollha li qed isofru inġustament: in-nisa u t-tfal Palestinjani, imwerwrin u maqtulin, is-suldati Israeljani mibgħutin għall-gwerra fil-fjur ta' żgħożithom meta jistgħu jiddedikaw l-enerġiji tagħhom għal ideali nobbli, il-minoranza Kristjana mgħaffġa bejn żewġ maġġoranzi ta' Lhud u Musulmani li ma jaħmlux id-dell wieħed ta' l-ieħor. U aħna l-Franġiskani u l-insara niżfnu fin-nofs. U nitolbu li xi darba naraw madwarna rebbiegħa sabiħa ta' paċi.

Sadanittant aħna nibqgħu hawn, għall-grazzja ta' Alla bogħod mill-periklu veru. Nibqgħu hawn biex nilqgħu l-pellegrini u ninsistu magħhom li ma hemmx periklu għalihom, almenu mhux sakemm ngħidulhom aħna biex ma jiġux. Imma nibqgħu hawn biex infakkru li l-Prinċep tal-Paċi ried jitwieled f'din l-art imdemma, biex juri kemm hu msejken il-bniedem, hu minn liema poplu hu, meta jitlef ir-raġuni.